**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tlieta (3)

## It-Tnejn, 5 ta' Awissu , 2019

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

Ħadd

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**03.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ġie skużat.

**03.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tat-tieni (2) laqgħa tad-9, ta' Lulju 2019 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

***Nota: Michelle Camilleri, l-Accountant tal-Kunsill Lokali, ingħaqdet fis-sala għal din il-parti tal-laqgħa.***

**03.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti, u Informazzjoni dwar is-Sitwazzjoni Finanzjarja.**

Is-Sindku spjega li qegħdin nistennew li fil-kontijiet jidħlu €15,000 mill-MGOZ u €11,000 mid-DLG bħala sponsors tal-Karnival 2019, kif ukoll €1,500 mingħand GSD, u anke €3,000 mingħand Segretarjat Parlamentari Agrikultura għall-Wirja Agrarja 2019. Għandhom jidħlu wkoll €300 mingħand Greenpak.

Is-Sindku kompla billi spjega kif il-kont ta' Triq Żrajk ser jiswa madwar €20,000 kif kien pjanat, li jinkludi l-parti żejda li tkompliet. Il-kont jgħaddi quddiem Kunsill kif ikun finalizzat. Huwa qal ukoll li ingħatajna €17,469 bħala pre-payment għall-proġett tar-railings ta' Kenuna li se jgħaddu għand il-kuntrattur, u anke €22,391 relatati ma' 70% tal-proġett tal-Urban Greening li ser jitwarrbu fil-kontijiet.

Is-Sindku imbagħad ta' spjegazzjoni dettaljata tal-qagħda finanzjarja fil-kontijiet kurrenti tal-Kunsill Lokali.
Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

**03.4. Quarterly Reports Jan-Mar u Apr-Jun 2019.**

L-Accountant tal-Kunsill Lokali – Michelle Camilleri – filwaqt li ippreżentat ż-żewġ quarterly reports, tat spjegazzjoni dettaljata anke għall-beneficċju tal-Kunsilliera eletti ġodda, uriet kif jaħdem il-proċess, u anke irrispondiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera. Ġie maqbul li insibu mument f'waħda mil-laqgħat li ġejjin sabiex dawn jiġu spjegati aktar fid-dettall u jkun hemm aktar mistoqsijiet mill-Kunsilliera. Ġie maqbul ukoll li f'Novembru nippreżentaw Quarterly Report li jmiss.

Il-Quarterly Reports ta' Jannar-Marzu u April-Ġunju 2019 ġew approvati unanimament. Is-Sindku għandu jibgħat dawn ir-rapporti finalizzati lill-Kunsilliera wkoll.

***Nota: Michelle Camilleri, l-Accountant tal-Kunsill Lokali, ħalliet is-sala li fiha kienet qed issir il-laqgħa.***

**03.5. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Updates mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

**03.5.1.** Business Cards tal-Kunsilliera u Segretarju Eżekuttiv – ser jiġu ordnati mis-Segretarju Eżekuttiv.

**03.5.2.** Laqgħa mal-Ministru għal Għawdex – din inżammet u kienet ta' suċċess.

**03.5.3.** Rampa u Sement fi Triq Isqof Buttiġieġ – lesti.

**03.5.4.** Qtugħ ħaxix Vnuta u Passaġġ Binġemma – lesti minn Chris Cardona.

**03.5.5.** Fence wara il-Monument FECC – dan ser jgħaddi mal-lista tal-proġetti.

**03.5.6.** Fossa Latrina Gnien Kunsill – ser issir fiż-żmien opportun.

**03.5.7.** Triq Torri ta' Kenuna – twaħħlu tabelli minħabba periklu fuq kull naħa.

**03.5.8.** Siġra perikoluża fi Triq il-Qala – saret applikazzjoni ma' ERA biex tinqala.

**03.5.9.** Rampa HSBC fuq talba tal-KNPD – saret site-visit minn tal-irħam u ser issir.

**03.5.10.** Rampa Injam Triq Lazzru Pisani – ser issir minn Anthony Buttigieg.

**03.5.11.** Tabelli – saret tabella ġdida tal-Monti fi Triq Xandriku, tabella tal-hmieġ fi Triq Tramuntana, u twaħħlu ismijiet ta' Triq Żrajk u Triq Ġuże Bonniċi.

**03.5.12.** Railing Injam Kenuna – dan sar mill-ġdid wara li nħaraq bin-nar.

**03.5.13.** Ħajt fi Triq il-Buskett – dan tlesta minn kollox bi bricks u sement.

**03.5.14.** Żebgħa mill-ġdid Linji Triq Buskett – lesti.

**03.5.15.** Double Yellow jiġi Single Yellow fi Triq Said – lesti.

**03.5.16.** Kurduna Bankina fi Triq Hida u Sement mar-Rampa fi Triq Rabat – pendenti.

**03.5.17.** Trakkijiet jgħaddu minn Triq Cocco Palmeri – ġew installati bullards apposta.

**03.5.18.** Belvedere Cocco Palmeri – saret maintenance fuq safety mats, outdoor gym, twaħħlu tabelli tal-klieb, u dawl maħruq.

**03.5.19.** Ġibjun tal-Pjazza – saret spezzjoni mill-electrician Jean Paul Buttigieg u ser jitranġaw xi ħsarata fil-pompa.

**03.5.20.** Bus Shelter fil-Pjazza – din pendenti u ser tgħaddi mal-lista tal-proġetti.

**03.5.21.** Bajja ta' San Blas – hawnhekk inġabar it-terrapien, il-gvern kellu iwaħħal tabelli tal-periklu, u mobile toilets niżlu pero sal-parking biss.

**03.5.22.** Double Yellow Line Triq Madonna ta' Lourdes – lesti.

**03.5.23.** Żbir ta' Siġra fi Triq Madre Ġemma Camilleri – lesta.

**03.5.24.** Qtugħ ta' Bajtar perikoluż u tindif fi Triq Duru – lesti.

**03.5.25.** Double Yellow lines fi Triq Duru – lesti.

**03.5.26.** Maintenance fit-Torri Sopu – lesta.

**03.5.27.** Bankina ġdida fi Triq Sant Indrija – pendenti u ser niċċekjaw mal-Gvern peress li beda xi xogħol.

Hawnhekk kien hemm kummenti posittivi ħafna mill-Viċi Sindku u minn Joseph Vella rigward ix-xogħol li sar f'qasir żmien.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**03.6. Impjegati tal-Kunsill, Ħaddiema tal-Iskema u Ħaddiema Oħra.**

Is-Sindku spjega fid-dettal l-irwol tal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali, fosthom tas-Segretarju Eżekuttiv, Skrivan, u Senior Tradesmen. Huwa imbagħad spjega wkoll il-ħidma tal-ħaddiema tal-Community Work Scheme, kemm dawk fuq barra u anke fuq ġewwa. Is-Sindku spjega li saret talba biex ikollna ħaddiem ieħor tal-CWS fuq barra.

Imbagħad is-Sindku spjega dwar l-irwol ta' Ivan Xuereb bħala kuntrattur u kemm huwa rwol importanti għalina. Għaldaqstant is-Sindku talab lill-Kunsill japprova t-talba tiegħu sabiex issir rikjesta bl-Accountant lid-DLG għal Tradesman ieħor full-time, anke fid-dawl tal-fatt li ma nistgħux naħdmu mingħajr dan is-servizz u diġa qed ikun imħallas ekwivalenti. Din ġiet approvata unanimament sabiex jibda l-proċess.
Is-Sindku spjega kif bħalissa għaddejja għajnuna wkoll minn Joseph Cauchi, Chris Cardona, u Matthew Xuereb fost l-oħrajn fejn tidħol indafa u qtugħ ta' ħaxix ħażin.

**03.7. Korrispondenza.**

| Numru | Dettalji |
|---|---|
| 6334 | Iffirmar jew mod iehor tal-Kuntratt ta' Data Protection mal-Regjun – ***Is-Sindku spjega l-offerta pubblika tar-Reġjun u anke il-prezz ta' €300 kull xahar u €300 ta' darba sabiex isir risk assessment minn M2. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.*** |
| 6335 | Press Conference to be hosted by Hon.Ian Borg- 2019 European Mobility Week |
| 6336 | Cir AKL 2019/069- Carer accompanying a disabled person-Senior passport scheme |
| 6337 | E mail minghand id-DLG rigward hinnijiet tal-laqghat |
| 6338 | Cirk AKL 2019/070- European Mobility week 2019 |
| 6339 | Cir AKL 2019/072- M.Sc fil-Governanza u l-Immanigjar MQF Level 7-2019 Intake |
| 6340 | Training Launch -24/07/19 |
| 6341 | Cir AKL 2019/073- Sejha għall-Kunsilli Lokali li huma interessati li jippartecipaw fil-progett ADMIN4 ALL |
| 6342 | Cir AKL 2019/074- Analizi tas-Survey li sar mill-Assoxjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-Permessi |

| | |
|---|---|
| 6343 | Cir AKL 2019/075-Miniuti Laqgha tal-Ezekuttiv Nu.22 |
| 6344 | Cirk AKL 2019/075-Spread the Love Due to Homelessness |
| 6345 | Cirk 14/2019- Onorarju u Allowances |
| 6346 | Cirkulari SPI/SCI/13/2019- Espressjoni ta' Interess Clean up the world 2019 |
| 6347 | Cir AKL 2019/077-Rapport Amministrattiv- Il-Hidma tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali |
| 6348 | Cir 8/2019-Manutenzjoni ta' Sinjali u marki stradali fil-Lokalita |
| 6349 | Cir AKL 2019/078-Registrazzjoni teambuilding 05/10/19 |
| 6350 | LGBTI+Gozo-Meeting |
| 6352 | Premju Anzjanita Attiva 2019 |
| 6353 | Stqarrija AKL 05/2019-Indafa Pubblika |
| 6354 | Cirkulari 11/2019-Riforma Gvern Lokali |
| 6355 | Ittra minghand Nadur Youngsters Football Club dwar Summer Fest – ***Is-Sindku spjega li din is-sena ma hemmx talba għall-kollaborazzjoni fuq Enforcement Officers, iżda biss għal Security, ambulanza, tindif u xi materjal ieħor. Kien hemm qbil unanimu għal din il-kollaborazzjoni.*** |
| 6356 | Ringrazzjament minghand l-President tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar attendenza tas-Segretarji Ezekuttivi u membri tal-Kunsill ghal-laqgha gewwa l-Grand Hotel |
| 6357 | Ittra minghand Nadur Teen and Youth Centre dwar linji tal-Parking hdejn Centru |
| 6358 | Cir AKL 2019/080-Registrazzjoni għas-sessjoni ta' tahrig ghall-membri eletti 14/09/19 |
| 6359 | Cir AKL 2019/081-European Mobility week-small events and activities |
| 6360 | Cirk AKL 2019/073-Sejha ghall-Kunsilli Lokali li huma interessati li jippartecipaw fil-progett ADMIN4ALL |
| 6361 | Cir AKL 2019/082 Stackable waste separation bins |
| 6362 | SPI/SCI/14/2019- Community Inclusive Employment scheme |
| 6363 | POC 292/2018-Skema tal-gbir ta' skart riciklat |

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

| | |
|---|---|
| 6364 | Cir AKL 2019/083- TM launching of a new mobile application called my malta plan |
| 6365 | Cir AKL 2019/071-Materjal seminar fondi ghal inizjattivi kulturali/socjali mill-fondi tal-LESA – ***Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għandna madwar €2000 biex jintużaw u s-Sindku talab li dawn jiġu wżati għal restawr tal-monument tal-Karnival. Kien hemm qbil li nistennew u niddeċiedu l' quddiem.*** |
| 6366 | Legal notice -abandonment dumping and disposal of waste in streets and public places of area Regulations 2019 - amendment |
| 6367 | Cir AKL 2019/084-Laqgha mas-Sindku, kunsilliera u Segretarji Ezekuttivi 28/08/19 |

- **Memo 21/2013** – Is-Sindku talab lil Kunsilliera sabiex il-Kunsill ikollu mobile tiegħu li jinżamm mis-Segretarju Eżekuttiv u jista' jintuża minn Kunsilliera u helpers waqt attivitajiet u laqgħat oħra. Kien hemm qbil unanimu li mmexxu b'dan.

- **Ittra mingħand Għaqda Armar Triq San Ġwann** – Is-Sindku qara talba mingħand l-Għaqda sabiex ngħaddulhom xogħol meta ikollna bżonn. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Jean Paul Portelli hawnhekk staqsa dwar tħawwil ta' siġar li jgħaddi direttament għand il-bdiewa mingħand il-MGOZ. Kien hemm qbil li nistaqsu dwar din il-proposta. Is-Sindku talab lil Jean Paul Portelli jibda jaħseb f'inizzjattivi relatata ma' siġar għall-bdiewa tan-Nadur sabiex nabbinawa ma' avveniment fil-futur.

**03.8. Offerti Pubbliċi.**

Is-Sindku spjega kif jiġi ppreżentat ir-rapport mill-Bord ta' Evalwazzjoni u x'ikun jinkludi. Ġew approvati unanimament dawn l-offerti:

- **NLC/08/2019**: Wine Festival – PA System :- ġiet approvata l-irħas offerta konformi ta' Power Sound għall-prezz ta' €2,394.
- **NLC/09/2019**: Street Cleaning – Xagħri u Kenuna :- ġiet approvata l-unika offerta konformi ta' Joseph Cauchi għall-prezz ta' €220 fix-xahar.
- **NLC/10/2019**: Wine Festival – Lighting System :- ġiet approvata l-unika offerta konformi ta' Chris Gauci għall-prezz ta' €5,500. Minkejja li din qabżet il-baġit, il-Kunsill Lokali approva xorta waħda anke fid-dawl tal-fatt li ma' hemmx mod ieħor ta' kif isir dan ix-xogħol.

Is-Sindku spjega kif fil-ġimgħat li ġejjin ser joħrog it-tender tal-Urban Greening.

## 03.9. Attivitajiet u Inizzjattivi.

### 03.9.1. Charter:

- Il-Viċi Sindku spjega fid-dettall l-esperjenza sabiħa tal-grupp ta' 9 persuni fl-Estonia għall-Annual Meeting. Huwa spjega wkoll deċiżjonijiet tal-Presidium rigward Desborough, il-programm tal-Adulti li ma ġiex approvat, l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur għall-Youth Meeting fl-2023, u anke dwar Charter f'Tisno li ser isir f'Ottubru.
- Hawnhekk is-Sindku talab lil Viċi Sindku sabiex jibda jaħdem fuq programm għal 2021 għal ftit pajjiżi li jsir fin-Nadur.
- Cisse (Franza) – Bejn id-19 u 23 ta' Settembru ser jattendu s-Sindku, Viċi Sindku, Peter Ray Said, Annette Portelli Said u Rebecca Bonello. Il-Kunsill ser ikopri flights tal-Kunsilliera, Peter Ray Said u anke trains.
- Hepstedt (Ġermanja) – Bejn is-26 u 29 ta' Settembru ser jattendu Joseph Vella, Josef Camilleri, Jean Paul Portelli u Matthias Mercieca. Il-Kunsill ser ikopri flights u trains.
- Tisno (Croatia) – Bejn it-18 u 21 t'Ottubru l-Kunsill qabel unanimament li jibgħat lil Lina Mifsud u Mark Azzopardi peress li l-konferenza hija relatata mal-Libreriji u Edukazzjoni. Il-Kunsill ser ikopri nofs il-prezz tal-flights.

### 03.9.2. Nadur Nadif u EWWR:

Jean Paul Portelli spjega kif hu attenda għal laqgħa ta' Nadur Nadif fejn kien hemm diversi diskussjonijiet u proposti. Hawnhekk qamet diskussjoni dwar il-bring in sites ta' Triq it-Tiġrija u ġie maqbul li tiġi installata floodlight sabiex camera tkun tista' tintuża mal-lejl u anke niġbdu l-attenzjoni li hemm aktar surveillance. Rigward l-inizzjattiva għall-EWWR, Jean Paul issuġġerixxa xi tip ta' xibka f'mudell sabiex narmu l-plastik fiha. Wara diskussjoni ġie maqbul li din issir f'forma ta' larinġa u postha ikun fi Ġnien il-Kunsill. Jean Paul ser jiċċekja ftit dwar dan u jiġi lura peress li ż-żmien huwa ristress.

### 03.9.3. Skema Librerija:

Is-Sindku u Joseph Vella spjegaw kif wara laqgħat ma' Daniel Meilak, imtliet l-applikazzjoni u issa qed nistennew risposta għal tlett sessjonijiet f'Ottubru.

**03.9.4. Ħarġa Anzjani:**

Is-Sindku spjega kif għada ser tinżamm il-ħarġa f'Kemmuna li għaliha nkitbu aktar minn 50 ruħ, u li ser jieħu ħsieb il-Viċi Sindku. Fil-ġranet li ġejjin ser naħsbu għall-ħarga ta' Settembru. Il-Viċi Sindku talab sabiex ikun infurmat meta ser jiftah id-Day Centre tal-Anzjani.

**03.9.5. AED Course:**

Is-Sindku spjega kif inkitbu 14-il ruħ wara li sar reklam pubbliku dwar dan, u li l-Kors ser jinżamm nhar il-5 ta' Settembru.

**03.9.6. Wirja Drawwiet, Arti u Kultura:**

Is-Sindku fakkar li nhar is-Sibt, 10 t'Awissu, fl-10.00am ser ikun hemm il-ftuħ uffiċjali u bħala Kunsill ser nipprovdu festin għal dawk preżenti. Jean Paul Portelli għandu jattendi.

**03.9.7. Milied 2019:**

Is-Sindku fakkar li Nadur 8K ser tinżamm fid-29 ta' Diċembru u ser ndaħħluha fil-programm ta' Christmas in Gozo, filwaqt li l-attivita' tat-tfal fid-19 jew 20 ta' Diċembru. Ser jinżamm ukoll meeting ma' Għaqda Ħbieb Presepju Nadur dwar l-esibizzjoni tal-Milied. Kien hemm qbil unanimu dwar dan kollu.

**03.9.8. Karnival 2020:**

Is-Sindku ressaq talba quddiem il-Kunsill rigward il-poster tal-Karnival 2020. Huwa ppropona li l-fotografi Anthony Cassar, Mario Muscat, Alessio Sultana u Monica Grima jiġu avviċinati, jagħżlu l-aqwa 5 ritratti portraits tal-Karnival Naduri, u imbagħad Paul Portelli jagħmel collage bl-aqwa fosthom. B'hekk nagħtu exposure lil dawn il-fotografi li tant jgħinu lil Kunsill u anke ikollna poster b'differenza. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu dwar dan. Jean Paul Portelli ppropona xi tip ta' kompetizzjoni, pero s-Sindku u Viċi Sindku ma qablux peress li tinħoloq ċertu pika għalxejn wara l-għażla u allura nippreferu li tkun kkummisjonata.

## 03.10. Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

### 03.10.1. Monument FECC:

Is-Sindku spjega li l-iskema tar-Restawr ma tapplikax għal Għawdex. Wara site-visit minn Chris Chetcuti qed nistemmew stima dwar restawr tal-monument. Wara site-visit minn ELC qed nistennew stima dwar bdil ta' turf. Wara site-visit mill-artist John Grima, ġie deċiż li jsir railing baxx kulur il-bronż, pero dan wara li jitranġa iċ-ċint. Kien hemm qbil unanimu dwar dan kollu.

### 03.10.2. Latrina Daħlet Qorrot:

Econetique kellhom iwaħħlu inverter ġdid sabiex naraw titranġax il-problema tad-dawl.

### 03.10.3. Xogħol ta' Żbir Siġar u Qtugħ Ħaxix:

Sar xogħol fuq il-playing field tal-Ħali, Xurdin, Wied Binġemma, Triq San Ġużepp, Triq San Koronatu, Triq Ħida, Triq Duru, San Filep u anke passaġġ ta' quddiem l-iskola.

## 03.11. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.

**03.11.1.** Sindku – FECC Grupp se imur is-Serbja f'Settembru u Josef Camilleri ser ikun magħhom. Kien hemm qbil unanimu li ngħinu fit-trasport lejn l-ajruport.

**03.11.2.** Sindku – Talba minn Maria Natoli sabiex noġġezzjonaw għall-żvilupp propost fi Triq Duru. Hawnhekk qamet diskussjoni pero ma kienx hemm qbil li noġġezzjonaw peress li dan huwa żvilupp approvat mill-MEPA u issa nbidlet il-liġi sabiex il-periti jidħlu responsabbli.

**03.11.3.** Sindku – Qtugħ ħaxix ħażin ta' Inżul Franċiżi, Buskett, Ġnien San Blas, Old Ramla Road, Triq Daħlet Qorrot u Grejgel – qbil unanimu.

**03.11.4.** Sindku – 1.5m yellow lines ma' garage fi Triq il-Qala – ser napplikaw.

**03.11.5.** Sindku – 1.5m yellow lines ma' garage fi Triq ta' Kenuna – ser napplikaw.

**03.11.6.** Sindku – yellow lines faċċata ta' garage fi Triq Qortin – ser napplikaw.

**03.11.7.** Sindku – yellow lines fi sqaq fi Triq San Blas – ser napplikaw.

**03.11.8.** Sindku – għatba/bankina tinbidel fi Triq Ħanaq wara li tkissret minn tas-servizzi – qbil unanimu.

**03.11.9.** Sindku – 40 kantun ma' rampa fi Triq tax-Xini biex ma taqax – qbil unanimu.

**03.11.10.** Sindku – Żbir tal-Palm fin-Nadur – qbil unanimu.

**03.11.11.** Sindku – Ħadida ma' bankina fi Triq Fatima – qbil unanimu.

**03.11.12.** Sindku – Ħadida flok gutter fuq bankina fi Triq Tiġrija – qbil unamimu.

**03.11.13.** Sindku – sement f'Daħlet Qorrot f'passaġġ li ttiekel kollu – qbil unamimu.

**03.11.14.** Sindku – sement ma' ħajt fi Triq Xini biex ma jinfetaħx – qbil unanimu.

**03.11.15.** Joseph Vella – Ħajt biex jingħalaq fi Triq Ramla – dan irid jingħalaq minn dawk li fetħuħ u s-Sindku ser javviċinahom.

**03.11.16.** Joseph Vella – Bankina tinbidel fi Triq Dun Gwann Camilleri – qbil unanimu.

**03.11.17.** Joseph Vella – Bankina tinbidel fi Triq San Gwann – qbil unanimu.

**03.11.18.** Joseph Vella – Isiru saferty strips fuq bankina fi Triq Diċembru 13 – qbil unanimu.

**03.11.19.** Joseph Vella – Jitnaddaf bużbież ħdejn Almar – qbil unanimu.

**03.11.20.** Joseph Vella – Yellow lines ma garage fi Triq Ħida – ser napplikaw.

**03.11.21.** Joseph Vella – Yellow lines faċċata garage fi Triq Duru – Sindku ser jiċċekja.

**03.11.22.** Jean Paul Portelli – Mera fi Triq Ħida faċċata ta' Triq Uqija – qbil unanimu.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**03.11.23.** Jean Paul Portelli – Mera fi Triq Bernard Haber faċċata ta' Triq Kappillan – qbil unanimu.

**03.11.24.** Jean Paul Portelli – Yellow lines ma' bieb entrata fi Triq Duru – ma kienx hemm qbil dwar dan u mhux ser issir applikazzjoni.

**03.11.25.** Jean Paul Portelli – staqsa jekk nistawx nagħtu Ġieħ Nadur lil Gozo Boy – ma kienx hemm qbil peress li dan jingħata lil min għadu ħaj.

**03.11.26.** Jean Paul Portelli – toqba timtela' fi Triq Xandriku – qbil unanimu.

**03.11.27.** Jean Paul Portelli – haxix ħażin Old Ramla Road biex jinqata' – qbil unanimu.

**03.11.28.** Jean Paul Portelli – ħaxix ħażin f'passaġġ fi Triq Għajn Qasab – qbil unanimu.

**03.11.29.** Jean Paul Portelli – jitranġa bank fi Triq Old Ramla Road – qbil unanimu.

**03.11.30.** Viċi Sindku – Induru yellow lines kollha fi Triq Fatima – qbil unanimu.

**03.11.31.** Viċi Sindku – 1.5m yellow line ma garage fi Triq Duru – ser napplikaw.

**03.11.32.** Viċi Sindku – bankina ġdida fi Triq Duru – qbil unanimu.

**03.11.33.** Viċi Sindku – patch ġdida bit-tarmac fi Triq Knisja – s-Sindku ser jara x'jista jsir.

***Nota: Joseph Vella kellu jitlaq mil-laqgħa f'dan il-ħin peress li kellu mpenji oħra.***

**03.11.34.** Josef Camilleri – Rampa titranġa u titbaxxa fi Triq Xandriku – qbil unanimu.

**03.11.35.** Josef Camilleri – Tabella li turik Triq għal Daħlet Qorrot – qbil unanimu.

**03.11.36.** Josef Camilleri – Ħaxix ħazin Triq Emigranti – qbil unanimu.

**03.11.37.** Josef Camilleri – Ħaxix Ħażin fi sqaq fi Triq San Blas – qbil unanimu.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**03.11.38.** Josef Camilleri – Jinżebħu linji sofor fi Triq il-Qala ma Buskett – qbil unanimu.

**03.11.39.** Josef Camilleri – titranġa bis-sement bankina fi Triq Telegrafu – qbil unanimu.

**03.11.40.** Sindku – talba sabiex jiġu koperti flights tas-Sindku, u kunsilliera Josef Camilleri u Jean Paul Portelli għal Baveno peress li ser imorru jingħaqdu mal-grupp ta' Dar Franġisk Grima. Kien hemm qbil minn dawk kollha preżenti.

**02.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:45p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru, 2019 fil-5:30pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva